For Diversity
Against Discrimination

# MTV u l-Unjoni Ewropea juru l-istampa vera tad-Diversità

**Brussel, 9 ta'Ġunju 2006 - Il-kampanja ta'l-informazzjoni ta' l-UE 'Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt.' reġgħet ingħaqqdet mill-ġdid ma' l-akbar stazzjon dinji taż-żagħżagħ, MTV, sabiex ixandru, fost oħrajn, reklam tat-TV ġdid li juri t-tliet ritratti rebbieħa ta' kompetizzjoni tar-ritratti pan-Ewropea li tippromuovi d-diversità fuq il-post tax-xogħol.**

Din il-kompetizzjoni li damet għaddejja mill-10 ta' Novembru 2005 sal-31 ta' Jannar 2006, aspirat ukoll li tqajjem kuxjenza tal-leġislazzjoni ġdida Ewropea li tagħmel illegali discriminazzjoni fix-xogħol fuq bazi ta' l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin, ir-razza jew l-etniċità. Il-kompetizzjoni aspirat ukoll li tkejjel il-perċezzjoni tad-diversità fost iż-żagħżagħ. Dan intlaħaq mhux biss permezz tar-ritratti li ntbagħtu iżda ukoll mir-reazzjoni tal-mijiet ta'żagħżagħ li vvutaw fuq il-*website* tal-kompetizzjoni.

Ir-reklam ta' 30 sekonda, li juri kemm  ir-ritratt rebbieħ ta' Robert Matwiejczyk mir-Rejnu Unit kif ukoll għażla ta' kważi 1600 ritratti oħra minn madwar l-Ewropa, ser jintwera għall-ewwel darba fl-10 ta'Ġunju u jibqa didher madwar in-Netwerk tal-MTV kollu għall-erba'ġimgħat ta' wara.

Minflok li jkun biss informattiv, dan ir-reklam jipprova jkun ta' divertiment u jħalli lill-udjenza tiskopri xi ħaġa ġdida, anka wara li wiehed jkun ra r-reklam diversi drabi. Il-kunċett ta' "Diversità" joħroġ permezz ta' suċċessjoni ta' l-istampi tal-kompetizzjoni bi stili tat-tipa differenti u mużika dynamika.

Vladímir Špidla, il-Kummissarju Ewropew għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs, ikkumenta fuq dan ir-reklam hekk: "Id-Diversità hija parti importanti mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Hija xi ħaġa li għandna niċċelebraw u ngawdu. Il-kompetizzjoni tar-ritratti laħqet ħafna żagħżagħ fl-Unjoni li jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni u r-riżultati kienu ta' l-għaġeb. Ir-ritratti mibgħuta juru d-diversità fil-veru sens tagħha u fl-istess ħin juruna kif ħafna żagħżagħ fl-Unjoni jifmu w jistmgħu d-diversità u d-differenza."

Għal aktar informazzjoni u ritratti żur www.stop-discrimination.info jew ikkuntattja:

Cathy Farrugia at Media Consulta Malta Limited, 4, Sappers Street, Valletta VLT 11 Tel : 2122 6100 or c.farrugia@media-consulta.com.

---

**"For Diversity. Against Discrimination."**
The European Commission, Employment, Social Affairs and Equal Opportunities DG is running a five-year pan-European information campaign on combating discrimination on the grounds of racial or ethnic origin, religion or belief, age, disability and sexual orientation.
The campaign "For Diversity. Against Discrimination." is designed to inform people about their rights under EU anti-discrimination legislation as well as promoting the positive benefits of diversity in the workplace.
Further information about the campaign is available at **www.stop-discrimination.info**

An initiative of the European Union